MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 31/2014/2

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju**

**Nru: 14/2014 fl-ismijiet:**

**Zealand Holdings Inc. socjeta` estera registrata fil-Librerija, kif rapprezentata lokalment mill-Avukat Dottor Tonio Grech u l-Avukat Dottor Carmel Chircop,**

**v.**

**Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V. registrat fl-Olanda**

Illi dan hu rikors imressaq mill-bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V. fid-29 ta' Jannar 2015, li bih qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit ai terminu tal-Artikolu 836 tall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jew, fin-nuqqas, li tigi mposta garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-istess Kodici.

Il-bank esteru jsostni li hu kreditur a bazi ta' kuntratt ta' self u peress li s-somma baqghet mhux kollha imhallsa lura, esegwiet il-proceduri mehtiega ghall-bejgh tal-vapur M.V. *"Pacific Future"*. Il-vapur inbiegh u giet depozitata l-Qorti s-somma ta' circa tliet miljuni u tliet mitt elf Euro (€3,300,000). Hekk kif sar dan id-depozitu, is-socjeta` Zealand Holdings Inc. harget mandat ta' sekwestru fuq l-ammont depozitat u fethet kawza ghad-danni a bazi ta' pretensjoni marbuta mal-allegazzjoni li l-avviz ta' nuqqas ta' hlas (*'notice of default'*) li ntbaghat mill-bank esteru kien intempestiv u zbaljat; hi tissottometti li l-arrest tal-vapur kien ghalhekk, *"zbaljat u illegali"* u trid id-danni. Fil-kawza li fethet din is-socjeta`, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li ma kelliex gurisdizzjoni tisma dik il-kawza, pero`, is-socjeta` Zealand Holdings Inc. appellat mis-sentenza liema appell ghadu pendenti quddiem din il-Qorti.

Il-bank esteru jallega li s-sekwestru mahrug huwa vessatorju u nhareg sempliciment biex jinnewtralizza l-effetti tat-titolu ezekuttiv li huwa jgawdi.

F'dawn il-proceduri, din il-Qorti, ovvjament, ma tistax u mhijiex se tidhol biex tezamina l-pretensjonijiet fil-meritu taz-zewg nahat. Il-mandati kawtelatorji jinhargu fuq responsabbilta` ta' min jitlob il-hrug taghhom, u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-hrug ta' mandati simili, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu, m'ghandux jigi mxekkel ingustament. F'dan il-kaz, ma jidhirx li l-pretensjoni ta' Zealand Holdings Inc. hi ghal kollox frivola jew vessatorja, u, anzi, gew sollevati diversi kwistjonijiet li jimmeritalhom trattazzjoni mill-qorti li jkollha gurisdizzjoni. It-*'timing'* tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni jista' jaghti lok ghal xi suspetti dwar il-veru intenzjoni tas-sekwestrant, pero`, ma jistax jigi eskluz li l-allegazzjoni li kien hemm *'wrongful arrest'* tal-vapur hija gustifikata. Lanqas, f'dan l-istadju, ma tirrizulta l-*mala fede* da parti tas-sekwestrant meta tista' tirrizulta *'impediment legittimu'* li jimpingi fuq it-titolu ezekuttiv tal-bank esteru (ara s-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju 2013 li biha kienu twaqqfu, f'dak l-istadju, il-proceduri tal-bejgh bis-subbasta tal-vapur). Hu veru li l-bejgh privat tal-istess vapur gie sussegwentement approvat b'decizjoni tal-istess Qorti tat-28 ta' Novembru 2013, pero` fuq bazi *prima facie* ma jistax jinghad li s-socjeta` Zealand Holdings Inc. qed tressaq pretensjonijiet li jistghu jitqiesu bla fondament.

Del resto, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Chetcuti v. Chetcuti**, deciza fis-27 ta' Gunju 2002:

> *"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.* ***("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"*** *– P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001;* ***"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"*** *P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

Lanqas jista' jinghad li l-qrati Maltin ma kellhomx gurisdizzjoni johorgu l-mandat ta' sekwestru inkwistjoni. Hu veru li gie deciz li l-qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni jisthargu l-ilmenti ta' Zealand Holdings Inc. pero`, appell minn dik is-sentenza ghadu pendenti. Apparti dan, *ai fini* ta' dawn il-proceduri, u dawn il-proceduri biss, darba li l-flus gew depozitati taht l-awtorita` tal-qrati Maltin, u jinsabu hawn Malta, il-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni jissekwestraw dawk il-flus – anke pendenti l-ezitu ta' proceduri fl-esteru – u jipprovdu fuq ir-rikorsi li jsiru ghar-revoka jew modifika ta' mandati simili.

Hekk ukoll, l-interess guridiku o meno tas-socjeta` Zealand Holdings Inc. mhux materja li ghandha tigi investigata f'dawn il-proceduri. Li jista' jinghad hu

li din is-socjeta` qed tallega li l-bank esteru ezercita l-plegg tax-Share Security Deed li kellu mas-socjeta` Zealand Holdings Inc. *"b'mod illegali"* u b'rizultat ta' dan *"ikkawza danni ingenti lis-socjeta"*. Kwindi, is-socjeta` Zealand Holdings Inc. ghandha kull interess guridiku tmexxi 'l quddiem din il-pretensjoni taghha.

Din il-Qorti tara, ghalhekk, illi l-mandat ta' sekwestru inkwistjoni m'ghandux jitnehha, pero`, meta tqis ic-cirkostanzi ta' kif inhareg, li inhareg kontra istituzzjoni finanzjarja stabbilita fl-Olanda, u rizultat tieghu l-istess bank qed jigi mcahhad milli *"jirtira u jhaddem"* il-flus depozitati, tara li, *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-isemmi Kap. 12, ghandha tordna l-ghoti ta' garanzija fis-somma ta' miljun Euro (€1,000,000) biex taghmel tajjeb ghad-danni u imghax li jista' jgarrab il-bank esteru. Il-garanzija giet ikkalkulata, *pressa poco*, fuq telf ta' imghax bit-8% fuq is-somma depozitata ghal tliet snin u spejjez gudizzjarji.

Fil-kuntest tal-aggravju ta' Zealand Holdings Inc. li mhux din il-Qorti izda l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha kompetenza tiddeciedi fuq rikors simili, il-Qorti tirreferi ghall-Artikolu 836(1) tal-imsemmi Kap. 12 u darba li l-atti tal-kawza tressqu quddiem din il-Qorti ghat-trattazzjoni, hija din il-Qorti li hi kompetenti biex tisma u tiddeciedi fuq il-kwistjoni, avvolja l-appell fil-meritu ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh amministrattivament.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta’ l-Amsterdam Trade Bank N.V. billi, f’dan l-istadju, tichad l-ewwel u t-tieni talba tieghu, pero`, tilqa’ t-tielet talba u tordna lis-sekwestrant Zealand Holdings Inc sabiex fi zmien xahar mil-lum tipprovdi lill-imsemmi bank Olandiz garanzija tajba ghas-somma ta’ miljun Euro (€1,000,000) ghall-hlas ta’ spejjez, ta’ penali, ta’ danni u ta’ imghax ai termini tal-Artikolu 838A tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna li fin-nuqqas ta’ tali garanzija fi zmien stabbilit, il-mandat jigi revokat; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba peress li saret fl-alternattiv tat-talbiet l-ohra.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------